MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Numru 135/2012

Il-Pulizija
(Spettur Rosanne Debattista)

vs

Luaie Borg
Steve Mallia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 162388M u 57093M rispettivament, akkuzati talli nhar is-6 ta' Frar 2012 bejn is-01:00 a.m. u t-03.:00 a.m., gewwa San Giljan:

1. ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom

jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.
2. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti.
3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
4. fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku.
5. fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kienu fis-sakra b'mod li ma kienux setghu jiehdu hsieb taghhom innifsuhom.
6. fl-istess data, hin u cirkostanzi, Luaie Borg ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberta' kondizjonata.
7. Luaie Borg u Steve Mallia nstabu recidivi skont l-Artikli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti tathom hin jirrikonsidraw.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata. Wara li rat l-Artiklu 95, 96, 338(dd), 338(ee), 338(bb), 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artiklu 21(2) tal-Kap 446 dan fir-rigward l-imputat Luaie Borg.

Issibhom hatja. Stante li jidrilha li tista' tapplika l-Artiklu 21 tal-Kap 9.

Tikkundannahom: fil-konfront tal-imputat Luaie Borg tlett mitt ewro komplessivament.
fil-konfront ta' Steve Mallia €200 komplessivament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------